32000R0609

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 609/2000

tal-21 ta' Marzu 2000

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3298/94 li jistabbilixxi miżuri dettaljati dwar is-sistema tad-drittijiet tat-transitu (ekopunti) għal vetturi tal-merkanzija tqila li jkunu qed jaqsmu min-naħa għall-oħra ta' l-Awstrija

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, tal-Finlandja u ta' l-Isvezja, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(6) u l-Anness 4 tal-Protokoll 9 dwar dan,

Billi:

(1) L-permessi ta' l-ECMT validi fl-Awstrija għandhom iħallu passaġġ liberu ġewwa l-Awstrija.

(2) Regoli ċari għall-kanċellazzjoni ta' l-*ecocards* ikunu meħtieġa. L-*ecocards* użati jkunu meħtieġa għal skopijiet ta' statistika.

(3) L-aħjar użu ta' l-ekopunti elettroniċi jsir billi dawn jiġu mqassma bosta drabi matul is-sena.

(4) Vettura li tkun ħattet jew għabbiet tagħbija sħiħa fl-Awstrija għandha tkun kkunsidrata li tkun għamlet vjaġġ bilaterali u għalhekk mhux mistennija tħallas ekopunti, irrispettivament mir-rotta meħuda mill-vettura biex tidħol u toħroġ mill-Awstrija.

(5) L-implimentazzjoni ta' kull ftehim biex jippermetti li trakkijiet ta' 40 tunnellata metrika jaqsmu l-Isvizzera għandha tnaqqas in-numru ta' trakkijiet li jgħaddu minn ġo l-Awstrija. Minħabba l-pożizzjoni ġeografika ta' l-Italja u l-Greċja, it-trakkijiet li jkunu sejrin lejn/ġejjin minn dawn il-pajjiżi xorta jkollhom bżonn jgħaddu mill-Awstrija. Il-Greċja u l-Italja għandhom jingħataw aktar prijorità għal ekopunti mhux użati li jintraddu lura lill-Kummissjoni.

(6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3298/94 ([1]), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1524/96 ([2]), għandu għalhekk ikun emendat.

(7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond il-fehma tal-kumitat imwaqqaf bl-Artikolu 16 tal-Protokoll 9,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 3298/94 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1a li ġej huwa mdaħħal:

"1a. Il-vjaġġi ta' transitu li jsiru fiċ-ċirkostanzi elenkati fl-Anness Ċ jew skond l-awtorizzazzjonijiet ta' l-ECMT li jkunu validi għat-territorju Awstrijak għandhom ikunu eżenti mis-sistema ta' l-ekopunti."

2. L-Artikolu 2(1) huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Kemm-il darba kull vettura tkun qed tuża l-*ecotag*, l-għadd meħtieġ ta' ekopunti għandu jitwaħħal ma' l-*ecocard* u jkun ikkanċellat. L-*ecocard* għandha tkun ikkanċellata b'xi wieħed minn dawn il-metodi li ġejjin:

(a) it-timbrar ta' l-*ecocard* permezz ta' magna li tittimbra l-*ecocard*;

(b) billi l-*ecocard* tiġi ttimbrata mill-awtoritajiet tal-kontroll tal-konfini Awstrijak malli wieħed jidħol fl-Awstrija;

(ċ) billi l-*ecocard* tiġi ttimbrata u ddatata mill-awtoritajiet nazzjonali tat-trasportatur qabel ma jidħol fit-territorju Awstrijak;

(d) billi l-*ecocard* tiġi ttimbrata f' kull uffiċċju minn fejn isir l-inizjalar ta' l-ecotags.

L-istazzjonijiet tal-konfini Awstrijaċi li huma attrezzati b' magna tat-timbrar ta' l-*ecocard* huma elenkati fl-Anness H.

Għal finijiet ta' statistika, paġna 1 ta' l-*ecocard* mimlija għandha jew tiġi miġbura mill-awtoritajiet Awstrijaċi jew sussegwentement ritornati mill-awtoritajiet kompetenti fi żmien tliet xhur mit-tmiem tal-vjaġġ lill-awtoritajiet Awstrijaċi. L-istatistika hekk miġbura għandha tgħin lill-Kummissjoni biex tagħmel proposti għal kull tqassim tar-riserva ta' l-ekopunti."

3. Fl-Artikolu 5(5), il-punt (d) li ġej huwa miżjud:

"(d) jew l-*ecocard* ma tkunx ġiet ikkanċellata b' mod konformi mal-proċedura stabbilta fl-Artikolu 2(1)."

([1]) ĠU L 341, tat-30.12.1994, p. 20.
([2]) ĠU L 190, tal-31.7.1996, p. 13.

4. Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3 li ġej huwa miżjud:

"3. L-ekopunti elettroniċi għandhom ikunu disponibbli ta' kull sena għall-Istati Membri fi tliet partijiet ugwali: l-ewwel parti qabel l-1 ta' Novembru tas-sena preċedenti, it-tieni parti qabel l-1 ta' Marzu u t-tielet parti qabel l-1 ta' Lulju."

5. L-Artikolu 14 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*L-Artikolu 14*

Kull vjaġġ jitqies li jkun eżenti mill-ħlas ta' l-ekopunti jekk il-vettura tħott jew tgħabbi l-merkanzija kollha tagħha fl-Awstrija u l-vettura jkollha fuqha dokumentazzjoni xierqa biex turi dan, irrispettivament mir-rotta li tkun ħadet il-vettura biex tkun daħlet u ħarġet mill-Awstrija."

6. L-Anness E huwa mibdul bit-test li jidher fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

7. L-Anness H, li qiegħed fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, huwa miżjud.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri Kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Marzu 2000.

Għall-Kummissjoni
Loyola DE PALACIO
Viċi-President

L-ANNESS I

"L-ANNESS E

IL-KRITERJI GĦAD-DISTRIBUZZJONI MILL-ĠDID TA' L-EKOPUNTI

Il-pożizzjoni speċjali tal-Greċja u ta' l-Italja

Mir-riserva tal-Komunità ta' 3,34 % ta' l-għadd totali ta' l-ekopunti, kull proporzjon ta' l-ekopunti ekwivalenti għal 4 874 ta' l-unitajiet stabbiliti fl-Anness D għandhom ikunu allokati lill-Italja u 576 ta' l-unitajiet kif stabbilit fl-Anness D lill-Greċja, fuq bażi ta' prijorità.

Barra minn hekk, kull sforz meħtieġ għandu jsir biex ikun żgurat li s-sehem ta' l-ekopunti allokati lill-Greċja jagħti kas tal-ħtiġiet Griegi.

L-effett ta' l-għaqda mill-ġdid tal-Ġermanja

Magħduda ma' dan, kull proporzjon ta' ekopunti ekwivalenti għal 6 444 jekk l-unitajiet kif stabbilit fl-anness D jiġu allokati lill-Ġermanja mir-riserva tal-Komunità.

Id-distribuzzjoni mill-ġdid ta' l-ekopunti li jkunu ntraddu lura mill-Awstrija

Kull ekopunt Awstrijak li jintradd lura lill-Kummissjoni biex jitqassam mill-ġdid għandu jiġi mqassam lill-Istati Membri li jitolbu aktar ekopunti fi proporzjon ma' l-użu li jsir minn vetturi tat-tagħbija goffa reġistrati fl-Istati Membri tar 'Rollende Landsrasse' fl-Awstrija.

Mad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-ġarr ta' merkanzija u passiġġieri bil-ferrovija u t-triq, it-tqassim ta' l-ekopunti li jintraddu lura mill-Awstrija għandu jsir kif ġej:

mill-ekopunti Awstrijaċi li jintraddu lura lill-Kummissjoni biex jitqassmu, 30 % għandhom jiġu allokati lill-Greċja u 30 % lil-Italja, fuq kull bażi ta' prijorità. L-ekopunti li jifdal li jkunu ntraddu lura mill-Awstrija, għandhom jitqassmu lill-Istati Membri li jitolbu aktar ekopunti fi proporzjon ma' l-użu li jsir minn vetturi tat-tagħbija goffa reġistrati fl-Istati Membri tar- 'Rollende Landsraße' fl-Awstrija.

L-għadd ta' ekopunti allokati lill-Istati Membri, l-għadd attwalment użat minnhom, u l-medja taċ-ċifri tan-NO_x għal vetturi li jkunu fi transitu mill-Istati Membri

L-ekopunti li jifdal għandhom jitqassmu lill-Istati Membri li jitolbu aktar ekopunti fi proporzjon ma' kull koeffiċjent li jiġi mfisser għal kull Stat Membru kif ġej:

– in-numru ta' ekopunti meqjusa bħala meħtieġa, ibbażati fuq estrapolazzjoni ta' l-istatistiki l-aktar riċenti mill-Awstrija,

– immultiplikati bil-proporzjon ta' l-ekopunti allokati lil kull Stat Membru li jkun attwalment ġie użat minn dak l-Istat Membru fis-sena preċedenti,

– immultiplikati bil-medja taċ-ċifri NO_x l-aktar riċenti ta' vetturi li jkunu fi transitu mill-Istat Membru, bħala kull perċentwal taċ-ċifra mmirata għas-sena."

L-ANNESS II

"L-ANNESS H

L-istazzjonijiet tal-konfini Awstrijaċi li huma attrezzati b' kull magna tat-timbrar ta' l-*ecocard*

Achenkirch

Arnoldstein

Braunau

Brennerpaß

Ehrwald

Hangendenstein

Hörbranz

Kiefersfelden

Musau

Nauders

Neuhaus

Pinswang

Reit im Winkel

Saalbrücke

Scharnitz

Schleching

Sillian

Springen

Suben

Steinpaß

Walserberg

Wegscheid"